MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1215/2008

L-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti u martu Gabriella Ciliberti, Dr. Albert Bezzina u martu Antje Bezzina, Dr. Ivan X. Gatt u martu Marie Louise Gatt, Ramon Azzopardi, Ruben Galea, Kevin Sultana u John Farrugia u martu Maria Dolores Farrugia
vs
L-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Chairman ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti, Dr. Ivan X. Gatt, Dr. Albert Bezzina, Ruben Galea, Kevin Sultana u Ramon Azzopardi li biha eccepew:

Illi r-rikorrenti l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti akkwista mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Alfa Romeo 156 Twin Spark Veloce bin-numru ta’ registrazzjoni GY53BTE, illum CIL119, mghammra b’magna petrol ta’ kapacita` 1747cc u manifatturata fis-sena 2003, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi r-rikorrenti l-Avukat Dottor Marco A. Ciliberti gie kostrett ihallas is-somma ta’ sebat elef disa’ mija u sebghin Euro u disghin centezmu (€7,970.90) rapprezentanti in kwantu s-somma ta’ sitt elef seba’ mija u hamsa u hamsin Euro (€6,755.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta’ elf mitejn u hmistax-il Euro u disghin centezmu (€1,215.90) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ disat elef tlett mija u sbatax-il Euro (€9,317.00).

Illi r-rikorrenti Dr. Albert Bezzina akkwista mill-Italja vettura uzata tal-marka Porche Carrera Coupe registrata bin-numru ta’ registrazzjoni W303746, illum EYE993, mghammra b’magna petrol ta’ kapacita` 3600cc u manifatturata fis-sena 1993, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi r-rikorrenti Dr. Albert Bezzina gie kostrett ihallas is-somma ta’ tletin elf, mitejn u tlieta u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€30,235.14) rapprezentanti in kwantu s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro (€25,623.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta’ erbat elef sitt mija u tnax-il Euro u erbatax-il centezmu (€4,612.14) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ erbgha u tletin elf Euro (€34,000);

Illi r-rikorrenti Dr. Ivan X. Gatt importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Porche Boxter Convertible bin-numru ta’ registrazzjoni S777EEV, illum ZOE986, mghammra b’magna petrol ta’ kapacita` 2500cc u manifatturata fis-sena 1998, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi r-rikorrenti Dr. Ivan X. Gatt gie kostrett ihallas is-somma ta’ ghoxrin elf u hamsa u sittin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€20,065.23) rapprezentanti in kwantu s-somma ta’ sbatax-il elf u erba’ Euro u tlieta u erbghin centezmu (€17,004.43) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta’ tlett elef u sittin Euro u tmenin centezmu (€3,060.80) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ wiehed u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€21,523.41).

Illi r-rikorrenti Ramon Azzopardi akkwista minn Malta vettura uzata tal-marka BMW Z3 registrata fir-Renju Unit bin-numru ta’ registrazzjoni T159UCF, illum BBS739, mghammra b’magna petrol ta’ kapacita 1895cc u manifatturata fis-sena 1999;

Illi r-rikorrenti Ramon Azzopardi gie kostrett ihallas is-somma ta’ hdax-il elf hames mija u tlieta u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€11,543.94) rapprezentanti in kwantu s somma ta’ disat elef seba’ mija u tlieta u tmenin Euro (€9,783.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta’ elf seba’ mija u sittin Euro u erbgha u disghin centezmu (€1,760.94) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ sitt elef tliet mija u tlieta u ghoxrin Euro (€6,323.00);

Illi r-rikorrenti Ruben Galea importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka BMW M6 Convertible bin-numru ta’ registrazzjoni YA07KRM, illum R-G, mghammra b’magna petrol ta’ kapacita` 4999cc u manifatturata fis-sena 2007, liema vettura huwa importa gewwa Malta;

Illi r-rikorrenti Ruben Galea gie kostrett ihallas is-somma ta’ sitta u sittin elf mitejn u erbgha u sebghin Euro u hdax-il centezmu (€66, 274.11) rapprezentanti in kwantu s-somma ta’ sitta u hamsin elf, mija u erbgha u sittin Euro u hamsin centezmu (€56,164.50) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta’ ghaxart elef mija u disa’ Euro u wiehed u sittin centezmu (€10,109.61) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita`

dwar it-Trasport ta' erbgha u sebghin elf, tmien mija u sitta u tmenin Euro (€74,886.00);

Illi r-rikorrenti Kevin Sultana importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Audi TT Quattro 225 Coupe` bin-numru ta' registrazzjoni Y599KAN, illum AUD177, mghammra b'magna *petrol* ta' kapacita` 1781cc u manifatturata fis-sena 2001;

Illi r-rikorrenti Kevin Sultana gie kostrett ihallas is-somma ta' disat elef, sitt mija u disgha u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€9,659.35) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' tmint elef mija u hamsa u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€8,185.88) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' elf erba' mija u tlieta u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€1,473.47) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' tlettax-il elf sitt mija u tlieta u erbghin Euro u erbtax-il centezmu (€13,643.14);

Illi r-rikorrenti John Farrugia importa mir-Renju Unit vettura uzata tal-marka Ford Transit Connect 200 Van bin-numru ta' registrazzjoni HK05ZKE, illum KBL313, mghammra b'magna *diesel* ta' kapacita` 1753cc u manifatturata fis-sena 2005;

Illi r-rikorrenti John Farrugia gie kostrett ihallas is-somma ta' erbat elef u sebgha u sittin Euro u sitta u erbghin centezmu (€4,067.46) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' tlett elef, erba' mija u sebgha u erbghin Euro (€3,447.00) taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura u in kwantu s-somma ta' sitt mija u ghoxrin lira u sitta u erbghin centezmu (€670.46) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan bazat fuq stima moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' erbat elef sitt mija u erbgha u disghin Euro (€4,694.00);

Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kull wiehed mir-rikorrenti hallas l-ammont li l-intimati ezigew ghar-registrazzjoni tal-vetturi f'Malta kontra l-volonta` tieghu w uhud taht protest.

Illi inoltre, ir-rikorrenti intavolaw ittri ufficjali li kopji taghhom gew prezentati mar-rikors u immarkati bhala Dok A, B u C, liema ittri ufficjali gew intavolati, *inter alia,* ghal finijiet ta’ l-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-impostazzjoni tat-taxxa ta’ l-ewwel registrazzjoni kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ir-registrazzjoni f’Malta tal-vetturi uzati proprjeta` tar-rikorrenti provenjenti mill-Unjoni Ewropeja u l-impostazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud *ai termini* tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq it-taxxa ta’ l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi proprjeta` tar-rikorrenti tmur, *inter alia*, kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-intimati jew min minnhom applikaw l-istess ligijiet fil-konfront ta’ kull wiehed mir-rikorrenti bi ksur ta’ l-Artikolu 90 tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropeja u/jew bi ksur tad-dispozizzjonijiet tas-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

3. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-impostazzjoni tat-taxxa ta’ l-ewwel registrazzjoni f’Malta kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq kull wahda mill-vetturi proprjeta` tar-rikorrenti hija nulla, invalida u minghajr effett, in kwantu l-istess impostazzjoni tat-taxxa ta’ l-ewwel registrazzjoni kif kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta’ Malta tmur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja;

4. Tiddikjara u tiddeciedi *inoltre* li l-impostazzjoni tal-hlas tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni f'Malta fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti hija nulla, invalida u minghajr effett, in kwantu l-istess decizjoni tmur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u/jew is-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

5. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrifondu lil kull wiehed mir-rikorrenti dak l-ammont li kull wiehed mir-rikorrenti gie ordnat, illegalment u abbuzivament, ihallas *ai termini* tal-Kapitolu 368 u 406 bi ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u/jew is-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz dawk tal-Protesti Gudizzjarji u ittri ufficjali, li gew ingunti in subizzjoni, u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Prim'Ministru, tal-Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali, tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ta' l-Avukat Generali li biha esponew:

Illi fl-ewwel lok u in *linea preliminari* r-rikors guramentat huwa irritwali kif ukoll irrecevibbli u ghalhekk null fit-termini ta` l-Artikolu 156(7) fejn b'digriet tal-15 ta' Frar 2010 giet korretta ghal Artikolu 156(1) tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili billi huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tispjega b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza kif ukoll minn spjegazzjoni tar-raguni tat-talba u partikolarment minn spjegazzjoni ghaliex huwa allegat fit-talbiet illi l-hlasijiet imsemmija fil-premessi jivvjolaw l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropeja u l-hekk imsejha s-Sitt Direttiva li la huwa moghti n-numru u lanqas l-isem taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u wkoll in *linea preliminari* l-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li gew elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita` Ewropea[1] hekk kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta;

2. Illi peress illi t-taxxa ta' registrazzjoni mhix suggetta ghall-armonizzazzjoni, l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej huma hielsa li jezercitaw il-kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi;

3. Illi fil-fatt, il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja qatt ma kkontestat id-dritt ta' Stat Membru illi jimponi taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi u lanqas qatt ma intromettiet ruhha dwar l-ammont ta' taxxa imposta;

4. Illi ma hemm xejn la illegali u lanqas abbuziv fl-impozizzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni Maltija fuq vetturi uzati *stante* li mhux qed tigi imposta, direttament jew indirettament, l-ebda taxxa ohra fuq prodotti ta' Stati Membri ohrajn *oltre* dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti simili lokali. *Inoltre* Malta m'ghandiex manifattura domestika ta' vetturi u ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur ta' l-imsemmi Artikolu 90;

5. Illi ghar-ragunijiet suesposti d-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi partikolari in kwistjoni kienet gusta skond il-ligi ta' Malta u tal-Komuinita` Ewropea;

---

[1] L-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita` Ewropea jipprovdi s-segwenti:
'*No Member State shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products. Furthernmore, no Member State shall impose on the products of other Member States any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products*.'

6. Illi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fin-nuqqas assolut ta’ xi motivazzjoni fir-rikors promotur li tispjega l-pretensjoni tar-rikorrent f’dan ir-rigward, ghandu jigi ritenut, ghaliex hekk hu fil-fatt u fid-dritt, li d-decizjoni ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta li biha ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni kienet gusta u skond il-ligi ta’ Malta u tal-Komunita` Ewropea. Ghal kull buon fini zdied li d-dazju ta’ registrazzjoni Malti hu direttament marbut mal-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi inkluz fl-ammont ta’ l-akkwist li fuqu tithallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kuntest tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-intimati jopponu l-azzjoni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta, kif konfermata bil-gurament minn Raymond Attard, *Chief Executive Officer*, li biha esponiet:

Illi fl-ewwel lok u in *linea preliminari* r-rikors guramentat huwa irritwali kif ukoll irrecevibbli u ghalhekk null fit-termini ta' l-Artikolu 156(7) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili billi huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tispjega b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza kif ukoll minn spjegazzjoni tar-raguni tat-talba u partikolarment minn spjegazzjoni ghaliex huwa allegat fit-talbiet illi l-hlasijiet imsemmija fil-premessi jivvjolaw l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropeja u l-hekk imsejjha s-Sitt Direttiva li la huwa moghti n-numru u lanqas l-isem taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita` Ewropea[2] hekk kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta;

2. Illi peress illi t-taxxa ta' registrazzjoni mhix suggetta ghall-armonizzazzjoni, l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropeja huma hielsa li jezercitaw il-kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi;

3. Illi fil-fatt, il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja qatt ma ikkontestat id-dritt ta' Stat Membru illi jimponi taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi u lanqas qatt ma intromettiet ruhha dwar l-ammont ta' taxxa imposta;

4. Illi ma hemm xejn la illegali u lanqas abbuziv fl-impozizzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni Maltija fuq vetturi uzati *stante* li mhux qed tigi imposta, direttament jew indirettament, l-ebda taxxa ohra fuq prodotti ta' Stati Membri ohrajn oltre dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti simili lokali. *Inoltre* Malta m'ghandiex manifattura domestika ta' vetturi u ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur ta' l-imsemmi Artikolu 90;

5. Illi ghar-ragunijiet suesposti d-decizjoni ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi partikolari in kwistjoni kienet gusta skond il-ligi ta' Malta u tal-Komuinita` Ewropea;

6. Illi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fin-nuqqas assolut ta' xi motivazzjoni fir-rikors promotur li tispjega l-pretensjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward, ghandu jigi ritenut, ghaliex hekk hu fil-fatt u fid-dritt, li d-decizjoni ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta li biha ezigiet il-

[2] L-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita` Ewropea jipprovdi s-segwenti:
'*No Member State shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products. Furthernmore, no Member State shall impose on the products of other Member States any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products*.'

hlas tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni kienet gusta u skond il-ligi ta' Malta u tal-Komunita` Ewropea. Ghal kull buon fini zdied li d-dazju ta' registrazzjoni Malti hu direttament marbut mal-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi inkluz fl-ammont ta' l-akkwist li fuqu tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kuntest tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

7. Salv kontestazzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-intimata Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta opponiet l-azzjoni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari (kif korretta). Permezz ta' din l-eccezzjoni, l-intimati issollevaw l-irritwalita` u konsegwentement in-nullita` tar-rikors guramentat *de quo* a tenur ta' l-artikolu 156(1) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili billi huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tispjega b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza kif ukoll minn spjegazzjoni tar-raguni tat-talba u partikolarment minn spjegazzjoni ghaliex huwa allegat fit-talbiet illi l-hlasijiet imsemmija fil-premessi jivvjolaw l-Artikolu 90 tat-Trattat Dwar l-Unjoni Ewropeja u l-hekk imsejha Sitt Direttiva li la huwa moghti n-numru u lanqas l-isem taghha.

*Inoltre*, l-intimati issottomettew li:

"Illi *inoltre*, tajjeb li din l-Onorabbli Qorti tigi a konoxxenza tal-fatt li mill-1 ta' Jannar, 2007 is-Sitt Direttiva (kif indikata

mir-rikorrenti) ma baqghetx fis-sehh u ddahhlet minflok fis-sehh il-*Vat Directive* – Direttiva tal-Kunsill 2006/112EC."

Din il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza ohra taghha kif presjeduta fl-ismijiet **Bartholomeo Bonett *et* vs Mario Borg**, moghtija fil-15 ta' Ottubru 2008 (Rikors Numru 515/07FS) fejn inghad:
"Illi b'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li tinghalaq l-apertura fil-hajt divizorju li jifred il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet. Illi ghal din l-azzjoni, il-konvenuti laqghu billi fost eccezzjonijiet ohrajn, eccepew li l-azzjoni odjerna hija nulla u irrita stante li r-rikorrenti naqsu milli jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-apertura mertu ta' din il-kawza hija fil-fatt mibnija kontra l-ligi, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-intimat sabiex jaghlaq l-apertura qabel ma' l-Qorti tiddikjara li l-apertura in kwistjoni saret bi vjolazzjoni tal-ligi. Illi din is-sentenza ser tittratta limitament din l-eccezzjoni.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 156(1) tal-Kap 12 ifisser l-elementi essenzjali li ghandhom jikkostitwixxu l-att tac-citazzjoni.
"Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha:
(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba
(b) it-talba jew it-talbiet li ghandhom ikunu numerati."

Indiskutibbilment, il-Qorti ghandha meta tista', li zzomm hajja citazzjoni, ikun ferm ahjar milli jigu dikjarati nulli citazzjonijiet biex wara jigu intavolati citazzjonijiet ohra. Ukoll, illi hemm il-kuncett li formalizmi zejda ma ghandhomx jigu wzati. Fl-istess hin, idealment, l-att gudizzjarju ghandu jkun car u preciz kemm jista' jkun. Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza n-natura ta' l-inkorrettezzi fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura gravi.

Ic-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas. (Ara **Giuseppe di T Demajo vs Eduardo Camilleri** Prim' Awla deciza fl-24 ta' Dicembru 1911, u **Emma Scicluna vs Mary Xuereb *et*,** Appell deciz fit-22 ta' Mejju 1967).

Izda, ta’ min ighid li tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

F’diversi kazijiet naraw din l-interpretazzjoni tal-Qrati. Fil-kawza **Marianna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim’Awla fid-9 ta’ Marzu 1965, intqal li citazzjoni m’ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi. Permezz ta’ dan il-kaz giet applikata t-teorija ta’ l-ekwipollenti li nisslet il-principju li mhix mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni ta’ l-azzjoni.

Illi dwar l-element ta’ kjarezza fl-att tac-citazzjoni, il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista’ tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b’mod xott jew tista’ tigi mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha. Dan gie enuncjat fil-kawza **Av. Dr. Carlo Moore *noe* vs C. Falzon *et*** deciza mill-Prim’Awla fil-15 ta’ Dicembru 1995.

L-istess inghad fis-sentenza tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit *noe*** ta’ l-20 ta’ Jannar 1986:
“Illi l-artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap 12), u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa, jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata.”

Gie ritenut ukoll fil-kawza **Jos. G. Coleiro vs Dr. Joseph Ellul** deciza mill-Prim’Awla fl-14 ta’ Frar 1967, li biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha.

Biex twassal ghan-nullita` ta' atti gudizzjarji hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. (Ara Appell Civili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri**, 21 ta' April 1995). Difett procedurali ma jgibx in-nullita` tal-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju. (Ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Civili Superjuri 12 ta' Mejju 1998). Biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonformu ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. (Ara **Francis xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** Appell Civili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

Gie deciz ukoll fis-7 ta' Marzu 1955 (Vol. XXXIX.II.597) illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku,
"ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvneut, jigi pregudikat, ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu……" …

Kif inghad fil-kawza **Emma Scicluna vs Mary Xuereb et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1967:
"Sintendi f'citazzjoni mhemmx bzonn li jigu wzati formoli sagramentali biex tifisser il-kawzali. Imma hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut."

Huwa maghruf u assolut li, "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli." (Ara **Malta Development Corporation vs Paul Licari** deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, **Charles Fino vs Alfred Fabri noe** Appell tat-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini**, deciza mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999). Mill-atti, hemm elementi sufficjenti biex il-konvenuti, anke minn semplici qari ta' l-att tac-citazzjoni, jindunaw mill-ewwel il-kawzali li fuqha r-rikorrenti qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom, u cjoe` t-talba biex tinghalaq l-apertura fil-hajt divizorju…

Hawnhekk, ta’ min isemmi li huwa insenjament pacifiku li d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m’hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta’ domandi.” (Ara **Joseph Gasan vs Farmacista Nicola Spiteri**, Appell Kummercjali tat-28 ta’ Gunju 1948, u **Gloria Beacom et vs A.I.C. Anthony Spiteri Staines**, Appell deciz fil-5 ta’ Ottubru 1998, u **Joseph Mifsud et vs Paul Cutajar et** deciza fit-13 ta’ Gunju 2008 mill-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri.

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi wkoll li l-Qorti tara analogija f’dan il-kaz ma’ dak fejn il-Qorti kienet mitluba tilqa’ talba ghal zgumbrament minghajr talba li l-konvenut kien qed jokkupa l-fond bla titolu. Hekk kif inghad fil-kaz **Dottor George Vassallo et vs Julian Sammut,** Appell deciz fit-12 ta’ Marzu 1990;
“..Il-Qorti ma tarax li kien necessarju ghall-atturi li jaghmlu talba *ad hoc* fic-citazzjoni ghal dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi din il-kwistjoni hi implicita fl-imsemmija talba ghall-izgumbrament.”

Dan fil-fatt, gie konfermat fil-kaz **Cassar Carmelo vs Zammit Victor**, Appell Civili Inferjuri datat 23 ta’ Gunju 2004:
“Kif pacifikament akkolt, id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m’hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta’ domandi.”

“Hu maghruf u anke accettat in linea ta’ principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Hi wkoll regola procedurali, sotenuta mill-gurisprudenza li l-kawzali tad-domanda ossija, ir-raguni guridika tat-talba, *oltre* li ghandha tigi mfissra cara u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b’mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritenut, ‘mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni.” …

Ghalhekk jista' jinghad li l-importanti huwa li:

- ❖ ic-citazzjoni jkun fiha tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas;
- ❖ it-talbiet ikunu enumerati;
- ❖ ma hemm ebda forma sagramentali kif jitfissru l-kawzali;
- ❖ formalizmu zejjed ghandu jigi evitat;
- ❖ citazzjoni m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi;
- ❖ ma jimpurtax jekk il-kawzali tkun imfissra b'mod xott, basta tkun tinftiehem b'mod car;
- ❖ biex citazzjoni titqies valida hu essenzjali li konvenut ma jigix pregudikat fid-difiza tieghu. Irid ikun car fuq xiex qed tigi ibbazata l-kawza;
- ❖ il-Qorti ghandha tara jekk tistax izzomm hajja citazzjoni;…"

Nigu issa ghall-kaz *de quo* u ghal dak li jghidu l-intimati u cioe`:

"Fl-ewwel lok, minn qari tar-rikors guramentat jirrizulta mill-ewwel li r-rikorrenti kull ma nizzlu fil-premessi huwa li kull rikorrent xtara karozza minn barra minn Malta li importaha gewwa Malta (hlief ghal rikorrent wiehed biss Ramon Azzopardi li akkwista l-vettura minn Malta), li fuqha kellu jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura kif ukoll it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi. Fil-premessi ma tnizzel xejn aktar hlief li dawn l-ammonti thallsu kontra l-volonta` ta' l-istess rikorrenti. L-ewwel darba li r-rikorrenti jsostnu u jallegaw li dan il-hlas kif impost kien illegali hija fl-ewwel talba taghhom. Ma tnizzlet l-ebda raguni pero` ghalfejn isostnu dan. Certament li dan mhux il-mod ta' kif ghandu jigi redatt rikors guramentat ghaliex ir-rikorrenti naqsu milli jaghtu r-ragunijiet u fuq liema bazi qed isostnu li tali imposizzjoni ta' taxxa hija wahda illegali u li tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropeja u s-Sitt Direttiva. M'hemm l-ebda spjegazzjoni cara ta' l-allegazzjonijiet taghhom.

Illi ghalhekk il-mod kif inktiteb ir-rikors guramentat wassal biex l-intimati setghu jressqu eccezzjonijiet pjuttost

generali peress li sabu ruhhom f'diffikulta` kbira stante li ma kienux u m'humiex f'posizzjoni jidentifikaw x'qed jigi attakkat bi precizjoni. Ghaldaqstant l-intimati sofrew pregudizzju…"

Dan iwassal biex il-Qorti tidentifika li l-eccezzjoni hi principalment diretta ghall-aspett li ma nghatat ebda raguni ghala l-hlas impost kien wiehed illegali u tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropeja u s-Sitt Direttiva, u l-konsegwenti pregudizzju li l-intimati allegatament sofrew minhabba d-diffikulta` li jidentifikaw x'qed jigi attakkat bi precizjoni.

Il-Qorti pero` ma taqbilx ma' l-eccezzjoni ta' l-intimati peress li fil-fehma taghha l-principji enuzjati hawn fuq u kif puntwalizzati (permezz ta' *bullets*) huwa sufficjenti biex ir-rikors guramentat jitqies bhala wiehed validu ghall-fini tal-ligi.

Izda wiehed fl-istess hin jifhem il-preokkupazzjoni tal-konsulenti legali ta' l-intimati u senjatament it-talba taghhom li f'kaz li l-eccezzjoni tigi michuda li din il-Qorti tordna lir-rikorrenti jipprezentaw nota spjegattiva dwar l-illegalita` attakkata u kif tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropeja u s-Sitt Direttiva.

**D: KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi fuq imsemmija, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevati mill-intimati, izda fl-istess hin timponi terminu ta' xagharejn lir-rikorrenti biex jipprezentaw in-nota spjegattiva msemmija fil-paragrafu precedenti.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghas-6 ta' Dicembru 2010 fl-9.45 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------